**30 ta' Novembru, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo B.A., LL.D.**

Avukat Dr. Austin Sammut *noe et*

*versus*

Kontrollur tad-Dwana

**Emigrant li Jiġi Lura Malta – Residenza – Importazzjoni ta' Vettura bil-Mutur – Diskrezzjoni Amministrattiva – Sindakabilità**

*Sabiex emigrant Malti jkun jista' jimporta f'Malta karozza ħielsa mid-dazju, jeħtieġlu jissodisfa lill-Kontrollur tad-Dwana dwar tliet ħwejjeġ: (i) li ilu jirrisjedi barra minn Malta għal għoxrin sena jew aktar: (ii) li jkun ser jirċievi f'Malta minn barra income li ma jkunx inqas mill-minimum stabbilit mil-liġi: u (iii) li l-vettura ġiet importata fi żmien tliet xhur mill-wasla tiegħu f'Malta biex jirrisjedi hawnhekk.*

*Dawn l-elementi ta' fatt li jrid jipprova l-emigrant huma ta' natura oġġettiva, u l-liġi ma tħalli ebda marġini għad-diskrezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana meta telenka bi preċiżjoni dawn l-elementi ta' fatti oġġetivi.*

*Id-diskrezzjoni hija ħaġa oħra kompletament għaliex hija kkaratterizzata mill-fakoltà konċessa lil minn irid jiddeċidi li ma jkunx marbut ma' l-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ġudizzju tiegħu, li anzi huwa formazzjoni tal-ġudizzju tiegħu, li anzi huwa fdat għall-prudenza soġġettiva tiegħu. Id-diskrezzjoni timplika marġni ta' ġudizzju li ma jistax jiġi mmiżurat minħabba l-element soġġettiv ta' dak li għandu l-poter diskrezzjonali.*

1. Ir-rikorrent esprima illi f'Mejju 1986, huwa mporta f'Malta vettura *Mercedes Benz 200,* u billi huwa kien emigrant Malti li kien qed jirritorna hawn Malta, skond il-liġi kellu d-dritt li jimporta dik il-vettura mingħajr ma jħallas dazju – kif hemm stabbilit fit-Tieni Skeda klawsola (L) tal-Kap. 265. L-intimat però avvża lir-rikorrenti li huwa ma kienx intitolat li

jimporta l-istess vettura mingħajr dazju u għalhekk qabad l-istess vettura. Din ġiet irralaxxjata lir-rikorrenti wara li huwa kkonsenja garanzija bankarja għad-dazju li talvolta kellu jitħallas u għalhekk il-vettura baqgħet tiġi kkonsiderata "maqbuda" f'idejn il-Kontrollur;

2. L-istess Kontrollur oppona illi:

(a) il-proċedura indikata fl-artikolu 72 Kap. 37 ma ġietx segwita billi l-karozza in kwistjoni ġiet maqbuda fit-28 ta' Lulju 1988, u għalhekk it-terminu ta' tletin ġurnata kien ilu li għadda; u

(b) il-vettura ġiet mixtrija, mingħajr dazju, f'Marzu 1986, però mill-provi stess li pproduċa r-rikorrent irriżulta li ma kienx intitolat għal dak il-privileġġ u għalhekk il-vettura ġiet maqbuda sakemm jitħallas id-dazju;

3. Fid-19 ta' Novembru 1991, l-Ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza li fil-partijiet essenzjali tagħha tista' tiġi riportata hekk:

Dan ir-rikors jirrigwarda l-importazzjoni ta' karozza *Mercedes Benz 200* da parti tar-rikorrenti, liema importazzjoni huwa jippretendi li mhix dazjabbli billi, bħala emigrant Malti li ġie lura biex jirrisjedi f'Malta, huwa intitolat li jużufruwixxi minn dak li hemm ikkontemplat fit-Tieni Skeda tal-Kap. 265 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-każ tiegħu jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha imposti bil-klawsola (p) ta' l-istess skeda;

Dan l-artikolu tal-liġi jgħid testwalment dan:

"Vettura bil-mutur privata li l-magna tagħha ma tkunx ikbar minn 2150 c.c., importata minn emigrant Malti (raġel u martu jgħoddu bħala persuna waħda għall-finijiet ta' din il-partita) li jiġi lura biex jirrisjedu f'Malta kemm-il darba dak l-emigrant jissoddisfa lill-Kontrollur tad-Dawna li hu kien ilu jirrisjedi barra minn Malta għal għoxrin sena jew aktar u li jkun se jirċievi f'Malta minn barra *income* fis-sena ta' mhux anqas minn ħames mitt lira Maltija u kemm-il darba l-vettura bil-mutur tiġi importata fi żmien tliet xhur mill-wasla ta' dak l-emigrant f'Malta biex jirrisjedi hawnhekk:

Iżda meta xi vettura bil-mutur li tiġi importata kif intqal qabel ħielsa mid-dazju tinbigħ jew titneħħa minn dik il-persuna għall-użu f'Malta, dik il-vettura bil-mutur għandha titqies li ħarġet mid-depost fil-ħin ta' dak il-bejgħ jew tneħħija u għandu jitħallas id-dazju fuqha mill-persuna li ssir sidha skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 ta' dan l-Att";

Minn dan jitnizzel li biex emigrant Malti jkun jista' jimporta karozza ħielsa mill-ħlas tad-dazju, huwa jeħtieġlu jissodisfa lill-Kontrollur tad-Dwana dwar tliet ħwejjeġ: (1) li ilu jirrisjedi barra minn Malta għal għoxrin sena jew aktar; (2) li jkun ser jirċievi f'Malta minn barra *income* fis-sena ta' mhux anqas minn ħames mitt lira Maltija u (3) li l-vettura ġiet importata **fi żmien tliet xhur mill-wasla tiegħu f'Malta biex jirrisjedi hawnhekk:**

Fil-każ *de quo,* l-intimat kien sodisfatt għar-rigward l-ewwel żewġ rekwiżiti iżda dehrlu, fid-diskrezzjoni amministrattiva tiegħu, li t-tielet rekwiżit, dak ċjoè li jrid li l-importazzjoni tal-karozza tkun saret fi żmien tliet xhur mill-**wasla** tiegħu f'Malta biex jirrisjedi hawnhekk, kien mankanti, u, għalhekk, qiegħed iżomm maqbuda l-karozza in kwistjoni sakemm jitħallas id-dazju

fuqha peress illi l-importazzjoni tagħha hija dazjabbli skond il-liġi;

Kif ġà ġie kkonstatat, l-intimat, f'dil-proċedura, minbarra li għadu jsostni d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward tar-rikorrenti, qanqal ukoll, fir-risposta tiegħu, bħala eċċezzjoni preliminari, l-irritwalità ta' din il-proċedura billi ma saritx fiż-żmien stipulat mil-Liġi;

Din il-Qorti, għalhekk, sejra, fl-ewwel lok, tinvesti din l-eċċezzjoni mogħtija *in limine* u tibda biex tgħid li sewwa ssottometta l-intimat meta rrileva illi l-proċedura indikata fl-artikolu 72(2) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġietx segwita mir-rikorrenti fis-sens li huwa ma intavolax ir-rikors tiegħu fi żmien tletin ġurnata mill-avviż tiegħu lill-Kontrollur tad-Dawna li huwa ser jitlob lura l-karozza maqbuda. Iżda dak li nesa l-intimat huwa li b'ittra tas-6 ta' Jannar 1989, li kopja tagħha tinsab esibita u mmarkata 'PP' fil-proċess, ir-rikorrenti kien ingħata żmien sa l-20 ta' Jannar 1989, biex iressaq ir-rikors tiegħu. Fil-fatt, fl-imsemmija ittra l-kliem adoperati huma s-segwenti:

.....*I am directed to inform you that unless your Client* (għaliex indirizzata lill-Avukat) *initiates a claim by the 20th January, we have no option but to claim customs duty due on his car*'';

M'hemm l-ebda dubju li l-kelma '*claim*' ġiet użata espressament biex il-messaġġ jasal proprju kif intiż għad-destinatarju. Di fatti, il-lokuzzjoni ta' l-artikolu tal-liġi ppreċitat, fit-*test* Ingliż, isemmi li l-avviż li għandu jagħti s-sid huwa ''.....*that he claims the things so seized or intends to claim them...*'';

Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, l-intimat ġie li, bl-imsemmija ittra, kien qiegħed jestendi t-terminu li fih ir-rikorrenti kellu jressaq it-talba tiegħu biex jieħu lura l-karozza u kwindi kien fl-istess waqt qiegħed jirrinunzja għal kull dritt li jqajjem tali eċċezzjoni u, għal dawn ir-raġunijiet, din issa qiegħda tiġi respinta;

Kwindi, billi din il-proċedura nbdiet eżattament fl-20 ta' Jannar 1989 – data konċessa mill-intimat stess – fil-konsiderazzjoni tal-Qorti, din it-talba tar-rikorrenti hija valida fil-liġi;

Ikkunsidrat dwar il-mertu:

M'hemmx kuntrast bejn il-kontendenti dwar li l-karozza ġiet importata Malta f'Mejju 1986. Ma jaqblux iżda dwar meta r-rikorrenti, bħala emigrant Malti **wasal lura f'Malta biex jirrisjedi hawnhekk.** Skond dan, huwa wasal lura Malta biex jirrisjedi hawn permanentement fil-21 ta' Mejju, 1986. Mill-banda l-oħra, l-intimat, fid-diskrezzjoni tiegħu, iddeċieda li r-rikorrenti, għall-finijiet tal-Liġi li għandha tirregola l-każ, wasal lura Malta fis-sena 1984. Huwa ċar li jekk għandu raġun ir-rikorrenti, allura dan ikun issodisfa t-tielet rekwiżit preskritt mit-Tieni Skeda tal-Kap. 265; mentri fl-eventwalità li jiġi ritenut li l-wasla tiegħu f'Malta biex jirrisjedi hawnhekk avverrat ruħha matul is-sena 1984, kif jippretendi l-intimat, allura dan ir-rekwiżit ikun nieqes u, kwindi, l-intimat ikun legalment iġġustifikat jesiġi l-ħlas tad-dazju in konnessjoni ma' l-importazzjoni *de quo;*

Qabel ma din il-Qorti tgħaddi biex tagħmel l-indaġini tagħha dwar minn miż-żewġ kontendenti għandu raġun f'dil-kwistjoni, ikun utili li jiġi nnotat li mil-lokuzzjoni tal-Liġi stess

jidher li l-Leġislatur qiegħed jirrikjedi xi ħaġa aktar minn sempliċi residenza ta' ftit żmien. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jista' jiġi faċilment desunt mill-kliem adoperati fl-istess liġi meta jingħad li l-emigrant Malti jrid ikun wasal lura f'Malta biex jirrisjedi hawnhekk;

Għandu wkoll jiġi rrilevat illi l-kunċett legali ta' residenza kif hawn fuq imfissra, jiġifieri ta' natura permanenti u mhux passiġġiera – a differenza mill-kunċett ta' domiċilju, li kif huwa risaput huwa desunt mill-fatt tar-residenza u l-*animus manendi*, huwa wieħed materjali u ta' fatt u, għalhekk, kull każ jiddependi mill-fattispeċji tiegħu u mhux possibbli li xi ħadd, hu min hu, aprijoristikament, jifformula għadd ta' regoli li minnhom wieħed jista' faċilment jasal biex jiddeċidi;

F'dan ir-rigward, l-intimat kien sostanzjalment korrett meta xehed li m'għandux *hard and fast rule* ta' kif jasal biex jistabbilixxi meta persuna jkollha r-residenza f'Malta għall-finijiet tal-Liġi in diżamina u li, f'kull każ, jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u dan għaliex il-posizzjoni hija proprju kif ennunzjata minnu;

Ix-xhud John Grima, prodott mill-intimat, iddepona li huwa kien ħa ħsieb il-każ tar-rikorrenti meta allura kien għadu fis-servizz ċivili u kellu l-grad ta' *Administrative Officer*. Huwa xehed hekk: ''Il-problema tad-dipartiment rigward il-każ tas-Sur Vella kienet id-data ta' meta ġie joqgħod permanentement Malta. Id-dipartiment stabbilixxa din id-data bħala dik li meta xtara l-post u ħa l-*freedom of movement certificate* .....F'mument minnhom il-prinċipal tiegħi kien qalli biex nagħmel *dossier* rigward il-*principal events* li jirrigwardaw l-applikazzjoni tiegħu..... Allura jien vverifikajt illi Vella kien telaq minn Malta

għall-Awstralja fl-1951, ħa l-*Australian Citizenship* fl-1967, ħa l-*freedom of movement* f'Malta fl-1984, xtara l-villa l-Manikata fl-1984, reġa' ġie Malta mill-Awstralja fl-1985 u minn għalija ġieli kien mar l-Awstralja qabel din id-data. Il-karozza mbagħad ħadha mingħand l-aġent bil-garanzija fl-1986....."

L-istess xhud ikkomunika d-deċiżjoni tad-dipartiment tad-dwana lir-rikorrenti permezz ta' ittra ddatata 10 ta' Marzu 1987, li *kopja tagħha tinsab* esibita u mmarkata 'CC' u li, fost affarijiet oħra, tgħid hekk:

*"Reference your application for a duty free car as a returned migrant, I regret to inform you that since the car was imported beyond the 3 month binding period after you obtained the 'Freedom of Movement' on your passport (2-1-84) and set up house in Malta on 14-2-84 you are not entitled to a duty free car....."*;

Huwa wisq ċar, għalhekk, illi ż-żewġ fatturi li kienu determinati fid-deċiżjoni ta' l-intimat għar-rigward is-sena li fiha r-rikorrenti ġie joqgħod permanentement Malta huma l-fatt li r-rikorrenti f'dik is-sena xtara Villa fil-Manikata akkopjat mal-fatt l-ieħor li ottjena l-*Freedom of Movement;*

Minn eżami mill-iżjed superfiċjali tal-kuntratt relattiv għall-akkwist tal-Villa msemmija ddatat 8 ta' Frar 1984, (Dok. G), jirriżulta li r-rikorrenti kien rappreżentat minn Anthony Abela (illum Nutar) peress illi huwa kien għadu residenti f'Sydney, l-Awstralja. Dan il-fatt tal-lontananza tar-rikorrenti u ta' l-istess rappreżentenza, huwa kkonfermat mill-istess rikorrenti u Abela fid-deposizzjoni tagħhom. *Inoltre*, l-istess trasferiment sar bil-permess *irrilaxxjat mill-Ministeru tal-Finanzi taħt is-setgħat ta'*

l-Att li jipprovdi dwar l-akkwist ta' proprjetà immobbiljari f'Malta min-nies li m'humiex residenti hawn Malta (ara l-permess *A.I.P.* 220/83 esibit u mmarkat 'F'). Wieħed m'għandux ukoll jinsa li dan il-permess ikun ingħata wara li tkun saret applikazzjoni fuq formola appożita li tkun ġiet iffirmata mill-applikant, jew ħaddieħor għalih, u li, fost ħwejjeġ oħra, jingħata l-indirizz ta' l-istess applikant, kif ukoll ir-residenza ordinarja tiegħu jekk tkun differenti minn dik mogħtija bħala l-indirizz tiegħu, kif ingħad. Din l-informazzjoni għandha l-iskop preċiż li tistabbilixxi li l-applikant m'huwiex residenti ta' Malta billi l-istess Att (Kap. 246) bl-artikolu 2 jiddefinixxi 'persuna residenti ta' Malta' bħal dak l-individwu *li jkun ċittadin ta' Malta* u li **ordinarjament jirrisjedi f'Malta;**

F'dawn *iċ-ċirkostanzi, għalhekk, din il-Qorti tħoss li bl-*ebda sforz ta' l-immaġinazzjoni ma seta' qatt jiġi ritenut illi fit-8 ta' Frar 1984 – data li fiha sar l-akkwist tal-Villa – ir-rikorrenti **kien wasal lura f'Malta biex jirrisjedi hawnehkk;**

Lanqas, fil-fehma tal-Qorti, m'hu xi indikazzjoni ta' permanenza f'Malta l-fatt li r-rikorrenti fis-sena 1984 ħa l-*freedom of movement* li ġie annotat fil-passaport tiegħu fil-paġna ħdax (11); tant li l-artikolu 44(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jfisser din il-libertà ta' moviment bħala 'id-dritt ta' moviment liberu ġewwa Malta, id-dritt li jirrisjedi f'kull parti ta' Malta, id-dritt li joħroġ minn Malta u d-dritt li jidħol Malta' – tifsira din li żgur ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni li wieħed loġikament jagħti lill-kliem tal-Liġi in diżamina'';

Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, id-deċiżjoni ta' l-intimat li jqis li r-rikorrenti wasal lura Malta fis-sens tal-liġi fis-sena 1984 u, għalhekk, ma *jikkwalifikax* għall-eżenzjoni *mid-dazju fuq* l-

importazzjoni tal-karozza hija għal kollox skorretta u mingħajr fondament legali;

Jonqos biss iżda li din il-Qorti tikkonsidra jekk ir-rikorrenti meta ġie lura Malta fil-21 ta' Mejju 1986, kienx wasal lura hawnhekk biex jirrisjedi fis-sens tal-Liġi. Kif ġà ntqal, mhux ikkontestat li r-rikorrenti daħal Malta f'dik id-data. Dan il-fatt jirriżulta wkoll mill-passaport tiegħu (ara faċċata ta' l-istess passaport esibita u mmarkat Dok. FM);

Ir-rikorrenti xehed li huwa kien ordna l-karozza f'Settembru 1985 u l-ftehim ma' l-importaturi kien li kelli jieħu l-konsenja tagħha tard fis-sena 1986 billi kien bi ħsiebu jiġi lura Malta biex jirrisjedi hawnhekk. Fil-fatt, il-kopja ta' dan il-ftehim (Dok. J) tgħid li d-*delivery* kellha tkun *'for May 1986'* u effettivament kienet ikkonsenjata fiż-żmien stipulat. Huwa jkompli jgħid li emigra lejn l-Awstralja fis-sena 1951 u minn dik is-sena 'l hawn ġie l-ewwel darba Malta fis-sena 1967 u baqa' jiġi regolarment kull sena, daqqa għal sitt ġimgħat u daqqa għal erba' xhur iżda minn Mejju 1986 'l hawn il-permanenza tiegħu f'Malta dejjem kienet ta' tmien xhur jew disa' xhur f'salt f'kull okkażjoni. Sa Mejju, 1986, l-indirizz postali tiegħu f'Malta kien dak t'ommu iżda wara l-21 ta' Mejju 1986, huwa biddel dan l-indirizz postali. Qabel is-sena 1986, il-korrispondenza mid-Dwana ta' Malta kienet mibgħuta lilu fl-indirizz tar-residenza tiegħu f'Sydney, l-Awstralja. *F'Sydney huwa kien fil-business tar-real estate* għal, bejn wieħed u ieħor, ħamsa u għoxrin (25) sena u kellu uffiċċju minn fejn kien imexxi dan in-negozju. Huwa biegħ dan in-negozju fis-sena 1980 iżda fforma żewġ kumpaniji distinti, kull waħda ma' soċju differenti. L-iskop ta' dawn il-kumpaniji kien li jixtru proprjetajiet li jkunu żdingati, jirranġawhom u jbigħuhom. Wieħed minn dawn is-soċji kien ċertu Maurice May,

Avukat f'Sydney, u l-kumpanija li kellhom flimkien kien jisimha *Vella & Vella Pty Limited.* Il-kumpanija l-oħra li kellu kienet ma' ċertu John Vella ta' 46 Hannan Street, Maroubra, Sydney, fi New South Wales, l-Australja u kienet tinnegozja taħt l-isem *Vella & Vella Pty Limited.* Kemm dan Vella kif ukoll May iffirmaw *Affidavit* li jinsabu esibiti a fol. 22 u fol. 23 rispettivament. It-tnejn jagħtu s-sena li fiha saru jafu bir-rikorrrenti Vella fis-sena 1956 u May fis-sena 1963 – u t-tnejn jagħtu s-sena meta l-aħħar innegozjaw miegħu u x-xahar u s-sena meta ddeċidew li jittronkaw b'mod finali l-*business* ta' bejniethom; fil-każ ta' Vella, l-aħħar biċċa negozju li għamlu flimkien kienet fil-bidu tas-sena 1986 u ddeċidew li jinqatgħu minn xulxin fil-bidu ta' April 1986; fil-waqt li May u Charles Vella, ir-rikorrenti, kellhom l-aħħar biċċa *business* tard fis-sena 1985 u nqatgħu minn ma' xulxin fi Frar 1986. It-tnejn li huma, May u John Vella, fl-*Affidavit* tagħhom, jaffermaw li wara Frar 1986, u April 1986 qatt ma għamlu xi *business ventures* mar-rikorrenti. Hemm ukoll esibita fil-proċess ittra minn ċertu G. Fearon u ffirmata minnu li fiha jingħad li huwa ilu *Accountant* tar-rikorrenti fl-Awstralja sa mis-sena 1973 u li fis-sens li skond il-kotba tal-kumpanija spiċċat f'Ġunju 1986, iż-żewġ kumpaniji ddisponew mill-assi tagħhom u li hu jemmen li dan sar sabiex ir-rikorrenti jkun jista' jittrasferixxi ruħu lejn Malta permanentement. Ta' importanza massima u sa ċertu punt anki determinanti, hija x-xiehda mogħtija minn Victor Zammit li tinsab traskritta. Dan jgħid li l-professjoni tiegħu hija ta' Avukat f'Sydney, l-Awstralja u ilu jaf lir-rikorrenti għal madwar ħamsa u għoxrin (25) sena u jafu jaħdem fir-*Real Estate.* Madwar ħames (5) snin ilu, (huwa kien qiegħed jixhed fis-6 ta' Novembru 1990), kien kellem lir-rikorrenti fl-Awstralja u mid-diskors tiegħu fehem illi kellu l-ħsieb li jiġi joqgħod permanentement Malta u jixtri xi proprjetà hawn. Huwa ssuġġerielu li seta' jixtri xi oġġetti *duty*

*free* fosthom karozza, billi kien ilu nieqes is-snin minn Malta. Jaf ukoll illi r-rikorrenti għall-ħabta ta' l-aħħar tas-sena 1985 u l-bidu ta' l-1986 kien qiegħed ibigħ xi proprjetà li kellu l-Awstralja;

Din il-Qorti, fid-dawl ta' din il-preponderanza ta' provi fattwali li juru ċar li r-rikorrenti ried jibda kapitolu ġdid f'ħajtu billi jaqta' b'mod definit ir-rabtiet tiegħu fl-Awstralja fil-bidu tas-sena 1986, hija tal-fehma li r-rikorrenti **wasal lura f'Malta biex jirrisjedi hawnhekk fil-21 ta' Mejju 1986** u li, għalhekk, l-intimat għall-finijiet tal-klawsola (p) tat-Tieni Skeda tal-Kap. 265 tal-Liġijiet ta' Malta, kellu jaċċetta din id-data bħala dik rilevanti u mhux id-data ta' meta r-rikorrenti xtara l-proprjetà tiegħu meta r-rikorrenti kien għadu fl-Awstralja, eluf ta' mili nawtiċi 'l bogħod minn Malta;

Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxja l-karozza *Mercedes Benz 200* in kwistjoni a favur ir-rikorrenti u dan a tenur ta' l-artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta; bl-ispejjeż kontra l-intimat'';

4. Il-Kontrollur interpona appell għar-raġuni illi l-Ewwel Qorti għamlet dak li huwa espressament ipprojbit mil-liġi – art. 742(2) Kap. 12 – minflok li eżaminat jekk l-istess diskrezzjoni tal-Kontrollur kinitx sindakabbli jew le;

5. L-aggravju ta' l-appellant huwa essenzjalment ibbażat fuq eċċezzjoni kontra l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, li tieħu konjizzjoni tal-kawża promossa mir-rikorrent;

Difatti l-artikolu 742(2) minnu invokat, li jinsab taħt is-subtitolu III ''Fuq l-eċċezzjoni ta' Inkompetenza'' fit-tieni titolu

tat-Tielet ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jgħid:

"Ebda Qorti f'Malta ma għandha ġurisdizzjoni li tistħarreġ il-validità ta' xi għemil jew ħaġa oħra li tkun saret mill-Gvern jew minn xi awtorità mwaqqfa mill-Kostituzzjoni jew minn xi persuna li jkollha kariga pubblika fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet pubbliċi tagħhom jew li tiddikjara xi għemil jew ħaġa bħal dawk nulli jew invalidi jew mingħajr effett u sakemm....";

6. Din l-eċċezzjoni qed tingħata **biss** quddiem din il-Qorti ta' Appell f'kawża li fl-ewwel grad damet sejra sentejn u għaxar xhur u fejn ġew prodotti abbundanza ta' provi biex jissodisfaw it-tliet elementi ta' fatt li ssemmi l-klawsola (p) tat-tieni skeda tal-Kap. 265. Dan proċeduralment jista' jsir, però, naturalment, din l-għażla ta' *tempo* proċedurali ma jistax ma jkollhiex ukoll ċerti konsegwenzi ta' l-istess natura proċedurali. Dan għaliex in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni m'hijiex dik li hija bbażata la fuq ir-razzjonalità tal-limiti ġeografiċi ta' l-estensjoni tal-poter ġudizzjali, u lanqas fuq in-neċessità tal-preservazzjoni kostituzzjonali tad-diviżjoni tal-poteri fi stat demokratiku mibni fuq u soġġett għad-Dritt, imma hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet li jirrigwardaw il-poter amministrattiv f'dik l-*area* fejn f'sistema ta' demokrazija parlamentari jkunu assolutament neċessarju li jittieħdu deċiżjonijiet li jinvolvu l-apprezzament ta' fatturi li huwa kkonsiderat li mhux possibbli – fil-prattika – li jiġu soġġetti għall-iskrutinju tal-proċess pubbliku;

Din l-aħħar kategorija ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni għalhekk, min-natura tagħha stess, tesiġi interpretazzjoni strettissima u ristretta għaliex toħloq sitwazzjoni eċċezzjonali fl-Istat tad-Dritt;

7. Fil-każ prezenti ġie kkonsiderat, anki fis-sentenza appellata, illi f'din il-klawsola (p) tat-Tieni Skeda tal-Kap. 265 teżisti waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet diskrezzjonali li jiġġustifikaw l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji ta' l-Istat. Imma dan mhux korrett. L-espressjoni "jissodisfa lill-Kontrollur tad-Dwana" interpretata b'mod naturali, kif normalment ifissru dawk il-kliem, tindika obbligu ta' l-emigrant li jipproduċi provi tat-tliet elementi ta' fatt li ssemmi l-klawsola, tali li jissodisfaw il-Kontrollur. Dawk il-kliem ma jindikaw ebda diskrezzjoni tal-Kontrollur għaliex diskrezzjoni timplika l-eżerċizzju ta' deċiżjoni li tieħu in konsiderazzjoni apprezzament ta' fatturi li mhux prattikament possibbli li jiġu sottomessi għall-iskrutenju ta' min ma jistax jiġi investit b'dawk il-fatturi kollha, mentri hawnhekk l-elementi tal-fatti li hemm bżonn li jipprova l-emigrant huma ta' natura oġġettiva u l-liġi ma tħalli ebda marġini għad-diskrezzjonalità meta telenka bi preċiżjoni liema elementi ta' fatti oġġettivi jrid jissodisfa l-emigrant biex ikun intitolat għall-privileġġi li takkorda l-istess liġi. Id-diskrezzjoni hija ħaġa oħra kompletament, għaliex, fost fatturi oħra, hija karatterizzata mill-fakoltà konċessa lil min irid jiddeċidi li ma jkunx marbut ma' elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ġudizzju tiegħu, li anzi huwa afdat għall-prudenza soġġettiva tiegħu. Id-diskrezzjoni timplika marġini ta' ġudizzju (ħafna drabi lanqas delimitat mill-parametri ta' minimu u massimu) li ma jistax jiġi mmiżurat proprju minħabba l-element soġġettiv ta' dak li għandu l-poter diskrezzjonali. Il-liġi in kwistjoni ma tikkonferixxi xejn minn dan lill-konvenut. L-emigrant li qed jirritorna jrid jissodisfa tliet elementi ta' fatt, imma jekk jissodisfahom il-Kontrollur ma jistax ma jaċċettax dak li dawk il-fatti ġew sodisfatti mingħajr ma jikser il-liġi;

8. Għal dawn ir-raġunijiet, billi dak li qed jiġi deċiż f'din

il-kawża huwa li r-rikorrenti, ġà emigrant li rritorna Malta, irnexxilux jew le li jipprova sodisfaċentement illi (a) dam jirrisjedi barra minn Malta għal għoxrin sena jew aktar (b) li se jirċievi minn barra introjtu li jeċċedi ħames mitt lira (Lm500) fis-sena u (ċ) li importa l-vettura fi żmien tliet xhur mill-ġurnata li huwa rritorna Malta biex jirrisjedi hawn – kif effettivament iddeċidiet is-sentenza appellata – u għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-appellanti ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni skond l-art. 742(2) Kap. 12 ma tistax tiġi aċċettata;

Is-sentenza appellata hija kkonfermata – spejjeż għall-intimat.